# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 608/21 (NC) GG**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs.**

**Thomas Thomas (KI Nru. 350311L)**

Illum 5 ta' Ottubru 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Guramentat** tas-socjeta' **HSBC Bank Malta p.l.c. ("Bank Attur")**, ipprezentat quddiem din il-Qorti fit-23 ta' Gunju 2021, bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi l-Bank rikorrenti kien ikkonceda facilita' ta' self lill-intimat, permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa' datat id-19 ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012)

wara *sanction letter* mahruga mill-istess Bank rikorrenti, datata 21 ta' Novembru, 2011, (kopja tal-kuntratt ta' self u sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. '**HSBC 1**' u '**HSBC 2'**;

2. Illi l-bilanc li ghandu jhallas l-intimat relattivament ghall-imsemmi self, huwa ta' mija u tnejn u sebghin elf, erba' mija u erbgha u tmenin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€172,484.98), rapprezentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' disa' t'elef mija disgha u disghin Ewro u ghoxrin centezmu (€9,199.20), rapprezentanti interessi li ddekorrew sad-29 t' Ottubru 2020 u dana kif jirrizulta mill-anness *statement of account* immarkat Dok. '**HSBC 3'**;

3. Illi l-Bank rikorrenti kien ikkonceda wkoll facilita' ta' *overdraft* lill-intimat, permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa' datat il-5 ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007), liema facilita' kienet giet estiva permezz ta' kuntratt pubbliku iehor, ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa' tal-25 ta' Lulju elfejn u tmienja (2008), (kopja tal-kuntratti hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. '**HSBC 4**' u '**HSBC 5'** u '**HSBC 6'**);

4. Illi l-facilita' ta' *overdraft* kienet giet 'rescheduled' diversi drabi, permezz ta' tlett *sanction letters* , datati rispettivament 28 ta' Mejju, 2010, 27 ta' Mejju, 2011 u 10 ta' Mejju, 2012, (kopja tas-*sanction letters* imsemmija hawn annessi u mmarkati Dok. '**HSBC 7**', '**HSBC 8**' u '**HSBC 9**');

5. Illi a tenur tal-kuntratti suesposti u in segwitu r-*rescheduling* tal-facilita' ta' *overdraft* imsemmja hawn fuq, l-intimat ghandu jaghti wkoll is-somma ta' wiehed u tletin elf, hames mija u sitta u hamsin Ewro u tmien centezmi (€31,556.08) u dana kif jirrizulta mill-anness *statement of account* immarkat Dok. '**HSBC 10'**, kif ukoll is-somma ta' hmistax-il elf, disa' mija u tnejn u hamsin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€15,952.79) rapprezentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' tlett elef , mija u wiehed u ghoxrin Ewro u erbghin centezmu (€3,121.40), rapprezentanti interessi li ddekorrew sad-29 t' Ottubru 2020 u dana kif jirrizulta mill-anness *statement of account* immarkat Dok. '**HSBC 11';**

6. Illi l-intimat ghandu jaghti wkoll is-somma ta' seba' t'elef u mitejn Ewro (€7,200), rapprezentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' tlett elef, seba' mija u hames Ewro u sittin centezmu (€3,705.60), rapprezentanti interessi li ddekorrew sad-29 t'Ottubru 2020, fuq kont *Visa Gold Card* u dana kif jirrizulta mill-anness *statement of account* immarkat Dok. '**HSBC 12';**

7. Illi l-intimat ghandu jaghti wkoll is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000), rapprezentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' elf, u disgha u ghoxrin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,029.33), rapprezentanti interessi li ddekorrew sad-29 ta Ottubru 2020 fuq kont *Visa Card* u dana kif jirrizulta mill-anness *statement of account* immarkat Dok. '**HSBC 13';**

8. Illi l-intimat ghandu jaghti wkoll is-somma ta' erba' t'elef mija u zewg Ewro u hdax-il centezmu (€4,102.11), rapprezentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' elf disa' mija u tmienja u disghin

Ewro u tmintax-il centezmu (€1,998.18), rapprezentanti interessi li ddekorrew sad-29 ta' Ottubru 2020, fuq kont *Master Card* u dana kif jirrizulta mill-anness *statement of account* immarkat Dok. '**HSBC 14';**

9. Illi minkejja li l-intimat gie interpellat mill-bank rikorrenti, anke permezz ta' zewg ittri ufficjali, ipprezentati fis-27 ta' Novembru, 2014 (Dok. '**HSBC 15**' u Dok. '**HSBC 16**), huwa baqghu **inadempjenti;**

10. Illi għalhekk l-intimat għandu jħallas lill-bank rikorrenti, is-somma kumplessiva ta' **mitejn u tnejn u hamsin elf, tlett mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u sittin centezmu** (**€252,349.67**), in kwantu kapital u imghaxijiet ikkalkulati sad-29 t'Ottubru , 2020, u dan b'rizerva ghal dawk l-imghaxijiet legali dovuti mill-16 ta' Frar, 2016 sad-data tal-pagament effettiv;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid l-intimat, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-intimat m'onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekada mill-beneficcju taz-zmien;

2. Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-bank rikorrenti fis-somma ta' **mitejn u tnejn u hamsin elf, tlett mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u sittin centezmu** (**€252,349.67**), u dana

oltre l-imgħaxijiet legali mit-30 t' Ottubru, 2020 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha;

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-bank rikorrenti is-somma ta' **mitejn u tnejn u hamsin elf, tlett mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u sittin centezmu** (**€252,349.67**) u dana oltre l-imgħaxijiet legali mit-30 ta' Ottubru, 2020 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-intimati.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Novembru, 2014 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax ulterjuri mit-30 t' Ottubru 2020 sad-data tal-pagament finali kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat.

Rat li l-konvenut debitament notifikat bil-procedura tal-publikazzjoni u l-affissjoni, naqas li jipprezenta Risposta Guramentata fit-terminu li trid il-ligi, u ma ghamel ebda tentattiv biex jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Rat l-affidavit tal-Bank Attur[1], ipprezentat flimkien ma' vera kopja ta' zewg ittri ufficjali numri 3945/14[2] u 3944/14[3] rispettivament.

[1] Fol. 111 sa 112
[2] Fol. 113 sa 116
[3] Fol. 117 sa 119

Rat ukoll il-kopji ta' zewg kuntratti pubblikati min-Nutar Carmel Gafa' rispettivament fil-2 ta' Lulju 2008[4] u fid-19 ta' Jannar 2012[5] ipprezentati mill-Bank Attur;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-Bank Attur.

Rat li l-konvenut naqas li jipprezenta s-sottomissjonijiet bil-miktub tieghu, minkejja li nghata zmien u opportunita' li jaghmel dan.[6]

**Ikkunsidrat :**

1. Illi ghalkemm, kif jghid tajjeb il-Bank Attur fis-sottomissjonijiet finali tieghu, il-konvenut baqa' kontumaci f'dan il-procediment, u ma spjegax il-kontestazzjoni tieghu ghat-talbiet ta' hlas imressqa kontrieh mill-Bank Attur b'din l-azzjoni, u lanqas ma ttenta jiggustifika dan l-istat ta' kontumacja tieghu, huwa stabbilit sew fis-sistema legali taghna li l-kontumacja ma titqiesx bhala ammissjoni tat-talbiet, imma ghal-kuntrarju tekwivali ghall-kontestazzjoni[7]. Din il-Qorti trid tezamina ghalhekk hijiex sodisfatta, mill-provi li ressaq quddiemha l-Bank Attur, li l-fatti allegati minnu kontra l-konvenut ghandhom mis-sewwa fuq bilanc ta' probabiltajiet.

---

[4] Fol. 125 sa 128

[5] Fol. 129 sa 136

[6] Ara verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2023, fol. 123

[7] Ara sentenzi **Giuseppe Wismayer vs. Giovanni Magro**, Q.K., 24.11.1934 (Kollez. Vol. XXIX P III p 35); **Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs. Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine**, Appell, 27.03.1996; **Ruth Apap vs. Noel Apap**, P.A., (FDP), 30.06.1995; **Reuben Belli vs. Yordon Marinov**, Appell, 23.02.2017, **Bonavia Properties Limited vs. Maria Helga Muscat Groelz**, P.A., 23.03.2017, **Joseph Thomas Vella vs. Averton Properties Limited et**, P.A., 22.03.2017 u **Dr. Michael Grech noe vs. Michael Ciappara**, P.A., 25.04.2017 citati fis-sentenza **Sprint Holdings Limited vs Joseph Zammit et**, Appell, 31.5.2023

2. Fir-Rikors Guramentat tieghu, il-Bank Attur iddikjara li ssomministra self ta' diversi ammonti ta' flus, u f'dati differenti, lill-konvenut. Ir-relazzjoni bankarja bejn il-kontendenti jidher li bdiet ghall-habta tas-sena 2007. Il-Bank Attur kien deher fuq tlett kuntratti ta' *overdraft* mal-konvenut, u terz (Sonia Vella), ghal ammonti ta' LM15,000 (hmistax-il elf liri Maltin), LM20,000 (ghoxrin elf liri Maltin) u massimu ta' €70,000 (sebghin elf Ewro). Dawn il-kuntratti kienu pubblikati min-Nutar Dottor Carmel Gafa' rispettivament fil-5 ta' Frar 2007[8], 5 ta' Frar 2007[9] u 25 ta' Lulju 2008[10].

3. Wara dawn it-tlett istanzi ta' estensjonijiet tal-facilita' ta' *overdraft* li l-Bank Attur kien ta lill-konvenut u lit-terz, permezz ta' tlett *sanction letters* ohra, datati rispettivament 28 ta' Mejju 2010[11], 27 ta' Mejju 2011[12] u 10 ta' Mejju 2012[13], il-Bank Attur kien approva favur il-konvenut facilitajiet bankarji ohra ta' self, ghal ammonti differenti.

4. Sussegwentement, b'*sanction letter* datata 21 ta' Novembru 2011, il-Bank Attur approva li jislef ukoll is-somma ta' €184,000 (mija u erbgha u tmenin elf Ewro) lill-konvenut, ghall-akkwist ta' fond residenzjali, u ghal bzonnijiet personali ohra tal-konvenut.[14] Dan is-self inghata b'kuntratt ta' self u bejgh fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa tad-19 ta' Jannar 2012.[15] Mill-ammont misluf, is-somma ta' €128,000 (mija u tmienja u ghoxrin elf Ewro) thallset direttament lill-vendituri

[8] Dok. HSBC4, fol. 22 sa 25
[9] Dok. HSBC5, fol. 26 sa 29
[10] Dok. HSBC6, fol. 30 sa 33
[11] Dok. HSBC7, fol. 34 sa 37
[12] Dok. HSBC8, fol. 38 sa 48
[13] Dok. HSBC9, fol. 49 sa 58
[14] Ara fol. 13 *et seq.*
[15] Dok. HSBC1, fol. 6 sa 12

tal-konvenut fuq l-att tas-self u bejgh, u l-bilanc kien disponibbli ghall-konvenut biex ihallas bzonnijiet ohra tieghu wara l-kuntratt. Mir-rendikont li ta l-Bank Attur, jidher li dan il-bilanc attwalment ma giex misluf lill-konvenut.[16] Il-pagamenti mill-konvenut ghar-rimbors tas-self ta' €128,000, bl-imghaxijiet, saru regolarment sa Marzu 2014, u mbaghad waqfu.[17]

**Ikkunsidrat:**

5. Illi fl-affidavit tar-rapprezentant tal-Bank Attur, Sina Ebejer – li tokkupa l-kariga ta' *Team Leader* fir-*Recoveries Team* tal-Bank Attur, iddikjarat li l-Bank Attur kien silef lill-konvenut is-somma ta' €184,000 biex jakkwista fond residenzjali, u jhallas ghal bzonnijiet ohra tieghu, b'obbligu li jirrifondi s-somma shiha mislufa fuq medda ta' 312 xhur bi hlas mensili ta' €899.06. Dan il-hlas sar puntwalment ghal ftit xhur biss, u waqaf ghal kollox fis-sena 2014. Ma' din il-facilita', il-Bank attur kien issomministra diversi self iehor lill-konvenut, f'ammonti izghar, b'facilitajiet ta' *overdraft* u *credit cards*, li wkoll waqfu jithallsu mill-konvenut fis-sena 2014. Skond ix-xhud, l-ammonti dovuti huma dawk li jidhru elenkati bhala *'Capital'* u *'Interest Accrued from Last Working Date'* fl-*iStatements* li pprezenta l-Bank Attur mar-Rikors Guramentat.[18] Hija ddikjarat ukoll li l-konvenut baqa' moruz fil-hlasijiet dovuti minnu anke wara li kien interpellat darbtejn b'zewg ittri ufficjali tas-27 ta' Novembru 2014 u tat-28 ta' Jannar 2015 rispettivament.

[16] Fol. 21 sa 21
[17] Ibid.
[18] Ara fol. 20 sa 21, u 59 sa 67

**Ikkunsidrat ukoll:**

6. Illi din il-Qorti fliet l-i*Statements of Account* li pprezenta l-Bank Attur dwar id-diversi kontijiet bankarji li kien qed izomm mal-konvenut, fuq l-ammonti hekk mislufa minnu lill-istess konvenut. Ghalkemm il-Qorti ma sabet imkien riferenza ghat-tehid mill-konvenut tal-bilanc ta' sitta u hamsin self Ewro (€56,000) approvat bis-*sanction letter* datata 21 ta' Novembru 2011, ezami akkurat tal-bilanci kollha li l-Bank Attur wera li baqghu dovuti mill-konvenut fuq id-diversi kontijiet juri li filfatt hija dovuta lill-istess Bank Attur is-somma mitluba minnu fl-att promotur, ta' mitejn u tnejn u hamsin elf tlett mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€252,349.67), dovuti kwantu ghal €233,295.96 (mitejn u tlieta u tletin elf mitejn u hamsa u disghin Ewro u sitta u disghin centezmu) rimbors tal-bilanc tal-kapital, u r-rimanenti €19,053.71 (dsatax-il elf u tlieta u hamsin Ewro u wiehed u sebghin centezmu) imghaxijiet sad-data tal-prezentata ta' din l-azzjoni.

7. Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta li l-Bank Attur irnexxielu jipprova, sal-grad li trid il-ligi, kemm ir-relazzjoni bankarja ta' self bejnu u l-konvenut, u wkoll il-morozita' tal-konvenut u l-konsegwenti telfien tieghu tal-beneficcju tat-terminu, u konswegwentement l-ezigibilita' immedjata tal-bilanc mitlub fit-talbiet kif impustati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet kollha tal-Bank Attur, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba, kontra l-konvenut.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

**Nicole Cini**

**Ghad Deputat Reġistratur**